# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgħa 13 ta’ Lulju 2018**

**Numru 2**

**Rikors numru : 38/17 LSO**

**Albert Ellul**

**v.**

**L-Avukat Generali tar-Repubblika**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli: wiehed principali ad istanza tar-rikorrent u l-iehor incidentali tal-Avukat Generali, mis-sentenza moghtija fl-10 ta’ April 2018 [is-sentenza appellata] mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:

"1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Albert Ellul" tal-21 ta' Ottubru 1997 hekk kif ikkonfermata b'dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Lulju 2005 tivvjola d-drittijiet fondamentali tieghu senjatament l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) safejn il-liġi f'Malta ma tagħtix li persuna li tkun ikkundannata b'sentenza tal-Qorti kompetenti biex isservi sentenza ta' għomor fil-ħabs tista' titlob reviżjoni jew remissjoni tas-sentenza li ngħatatilha fl-ebda żmien;

"2. Konsegwentement tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li n-nuqqas ta' possibbilta` fis-sistema legali Maltija ta' revizjoni tas-sentenza tal-ghomor il-habs b'mod ragjonevoli tmur kontra d-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif inghad fit-talba precedenti.

"3. Tilqa' t-tielet talba billi tordna li mal-gheluq ta' 25 sena mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997, u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, ir-rikorrent ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole mwaqqaf bl-Att tal-2011 dwar il-Gustizzja Riparatrici (Kap 516 tal-Ligijiet ta' Malta) (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) li bis-sahha ta' din is-sentenza jkollu s-setgħa u d-dmir li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tar-rikorrent f'dak iż-żmien u jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn xi wieħed mir-rimedji mogħtijin mill-istess imsemmi Att (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) bħalma tista' tibbenefika kull persuna oħra li tkun qiegħda sservi sentenza definittiva ta' ħabs imma mhux għal għomorha.

"Il-Bord ikollu:

"1. Is-setgha li jisma' bil-gurament, somministrat mic-Chairperson, lill-istess attur u dawk il-provi l-ohra li jidhirlu opportuni, fosthom billi jisma' lill-familjari tal-vittmi;
"2. Jiddetermina jekk sehhewx bidliet sinifikanti tali fl-attur u sehhx progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li jrenduh mhux aktar ta' perikolu ghal individwi ohra u ghas-socjetà in generali;
"3. Jiddetermina fid-dawl tar-rizultanzi u l-evalwazzjoni taghhom jekk id-detenzjoni ulterjuri tal-attur hijiex aktar gustifikata;
"4. Ghalhekk, b'decizjoni motivata li tkun komunikata lir-rikorrent, lill-Avukat Generali u lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi, il-Bord jghid l-attur ghandux jinheles inkondizzjonatament jew, jekk le, f'kemm zmien

ghandha ssir konsiderazzjoni mill-gdid fit-termini hawn delineati tal-piena imposta fuq l-attur.

"Tordna lill-intimat l-Avukat Generali jhallas l-ispejjez tal-kawza."

**Mertu**

2. Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali tieghu, ir-rikorrent Albert Ellul sostna li sofra vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu protetti mill-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] meta nghata piena ta' prigunerija ta' ghomru l-habs b'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Ottubru 1997. F'dan il-kaz, il-Qorti Kriminali ezercitat id-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 493 tal-Kodici Kriminali u rrakkommandat li l-perjodu minimu ta' inkarcerazzjoni tar-rikorrent ghandu jkun ta' hamsa u ghoxrin (25) sena.

3. L-ewwel Qorti rravvizat vjolazzjoni tad-drittijiet invokati mir-rikorrent in kwantu s-sentenza tal-Qorti Kriminali ma tat ebda prospett lir-rikorrent li jitlob f'xi zmien ir-revizjoni tas-sentenza tieghu, kif ukoll safejn is-sistema legali Maltija ma jipprovdix ghal mekkanizmu li jaghti lil persuna li tkun ikkundannata b'sentenza tal-Qorti kompetenti biex isservi sentenza ta' ghomor fil-ħabs, il-possibbilita` li titlob revizjoni jew

remissjoni tal-istess sentenza. In linea ta' rimedju ordnat, in essenza, li mal-gheluq ta' 25 sena mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997 li bis-sahha taghha giet imposta fuq ir-rikorrent il-piena ta' ghomru l-habs, huwa ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole taht il-kundizzjonijiet imposti fis-sentenza appellata.

4. M'huwiex kontestat illi r-rikorrent dahal il-habs fit-18 ta' Mejju 1992 meta kin gie arrestat u detenut in konnessjoni mar-reati li gie eventwalment mixli bihom u illi nzamm inkarcerat kontinwament sakemm inghatat is-sentenza mill-Qorti Kriminali fl-21 ta' Ottubru 1997 fejn giet imposta fuqu l-piena ta' ghomor l-habs.

5. Mis-sentenza tal-Qorti Kriminali ir-rikorrent kien appella kemm mis-sejbien tal-htija tieghu kif ukoll mill-piena inflitta. L-appell tieghu gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Lulju 2005 li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali inkluz il-piena ta' ghomor il-habs. Sakemm inqatghet l-appell tar-rikorrent huwa baqa' mizmum il-habs, fejn ghadu detenut sal-lum.

**Is-Sentenza Appellata**

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghal dan l-appell:-

"… … … omissis… … …

"Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, jigi ritenut li din l-azzjoni ma tattakkax l-ebda parti mill-proċess kriminali li r-rikorrent kien suġġett għalih u lanqas tittenta li timpunja sostantivament is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali u dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li ikkonfermat dik tal-ewwel istanza. L-ilment, fil-qofol tieghu, jikkoncerna l-piena erogata mill-Qorti fiz-zewg istanzi imsemmija li ma tippermettix il-possibilita' ta' rilaxx jew revizjoni tal-piena, kif ukoll in-nuqqas sistemiku fil-ligi taghna biex tipprovdi mekkanizmu xieraq biex dan isehh. Essenzjalment din il-Qorti trid tistharreg jekk fis-sentenza inflitta fuq ir-rikorrent, u / fis-sistema taghna, qed jinghata "prospect of release on legitimate penological grounds" liema principju huwa l-kejl stabbilit mill-Qorti Ewropea, u abbraccjata mill-Qorti Kostituzzjonali taghna, sabiex sentenza ghall-ghomor tkun kompatibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

"Illi jsegwi li l-iskrutinju tal-Qorti mhix limitata ghall-kwistjoni tal-proporzjonalita' tal-piena, imma ghall-konformita' mal-principju appena enuncjat.

"Illi hawnhekk tajjeb li jigi senjalat li din il-Qorti ma tara xejn sproporzjonata fil-piena imposta fuq ir-rikorrent. Anzi tikkonsidra li piena ta' ghomor il-habs kienet wahda gusta u proporzjonata fic-cirkustanzi ta' delitt li hasdet il-hajja ta' tliet persuni u halliet ir-raba' persuna feruta gravament. Taqbel perfettament mal-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta kkonfermat il-piena moghtija mill-Qorti Kriminali. Fl-istess vena takkolji wkoll is-sottomissjoni tal-Avukat Generali li "Tassew kazijiet ta' qtil multiplu ma jistghux jigu ttollerati bl-ebda mod. Anzi l-Istat huwa fid-dmir li jaghmel pieni horox ghal dawn it-tipi ta' reati halli b'hekk johloq disincentiv f'mohh dak li jghaddilu minn mohhu jaghmel atti atroci bhal dawn u fl-istess waqt jibghat messagg qawwi li huwa ghandu ghall-qalbu l-harsien tas-socjeta."

"… … … omissis … … ...

"… din il-Qorti taqbel li l-jirrizulta li sabiex piena tkun kompatibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, irid ikun hemm "legitimate penological grounds for continued incarceration" (**Vinter)** tenut kont il-kriterji kollha rilevanti inkluz l-ghanijiet ta' "punishment, deterrence, public protection and rehabilitation". Dan kollu jinnecessita' process ta' revizjoni permezz ta' kriterji oggettivi u certi li jinbeda mhux aktar tard minn 25 sena wara

s-sentenza, li jista' jigi rivedut perjodikament. Persuna hekk kkundannata ghandu il-jedd li jkollu "prospect of revision or release" u ghandu jinghata t-taghrif dwar x'inhu mistenni minnu mas-sentenza.

"… … … omissis … … …

"Illi, il-fatt li, fis-sistema tagħna l-prerogattiva tal-mahfra Presidenzjali ma tiddependix minn kriterji preskritti jew minn xi proċedura stabbilita, jnaqqar ħafna mill-effikaċja ta' din is-sistema biex jiżgura li ma jseħħx ksur tal-jedd tal-persuna sentenzjata li ma tingħatax trattament inuman jew degradanti. Huwa wisq evidenti li l-kriterji li jmexxu lill-President fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu mhumiex maghrufa fiz-zmien tal-ghotja tas-sentenza, u la huma certi, u lanqas pre-stabbiliti. Dan hu wkoll koncess mill-Avukat Generali li, izda, ssottometta li huwa aktar ta' gid jekk il-kriterji ma jissemmewx biex b'hekk il-prerogattiva tal-President tkun aktar wiesgha.

"Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni li tista' xxejjen il-principju tac-certezza li giet identifikata bhala il-qofol ta' sistema penali pan-ewropea mmirata lejn ir-rijabilitazzjoni tal-pigunier **(Hutchinson)**. Il-ghan tar-rijabilitazzjoni gie sottolineat u emfasizzat bhala wiehed mill-principji li qieghed fic-centru tal-European Penal Policy. Dan hu rifless "in the relevant standards adopted by the Council of Europe, and in the relevant international materials (**Vinter and Others**, cited above, §§ 59-81)."

"… … … omissis … … …

"Ghal dak li jirrigwarda il-prison leave huwa minnu li l-Qorti Ewropea f'**Kafkaris** irrikonoxxiet illi sentenzi ta' għomor il-ħabs jistgħu jiġu kkonsidrati bħala "riduċibbli" ai termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk priġunier ikun mogħti l-opportunita' biex japplika għar-"release on licence." Testwalment "the existence of a system providing for consideration of the possibility of release is a factor to be taken into account when assessing the compatibility of a particular life sentence with Article 3."

"Illi jirrizulta li r-rikorrent ibbenefika perjodikament minn prison leave f'okkazzjonijiet importanti familjari hekk kif muri fil-prospett esebit minn **Saviour Lia** fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2017. Izda anke minn semplici qari tar-Regolament 61 jirrizulta manifest li dan il-beneficcju ma jekwivalix ghar-riduzzjoni jew revizjoni tal-piena u lanqas huwa mmirat

lejn dan l-iskop. Jofri biss parentesi qasir, l'aktar ta' ftit sighat, mill-hajja karcerarja, u ghal skopijiet umanitarji l-aktar marbutin mal-hajja familjari, jew sahha. Dan aparti mill-fatt li hemm certu tipi ta' prison leave li mhumiex accessibbli ghall-prigunieri kkundannati ghal ghomorhom (ad ez. community work leave). Huwa ghalhekk difficli ghal din il-Qorti li taccetta li ftit sighat ta' prison leave mehudin sporadikament tul is-snin jaghti dawk il-garanziji xierqa u effettivi sabiex jigi zgurat li ghad hemm "legitimate penological grounds for the continued incarceration of the prisoner."

"Illi l-Qorti Kostituzzjonali gja kellha l-okkazzjoni li tikkonsidra l-effikacja tal-mahfra Presidenzjali flimkien mas-sistema ta' Prison Leave, kemm fil-kaz ta' **Ben Hassine Ben Ali Wahid,** kif ukoll din il-Qorti kif diversament presjeduta **fil-kaz ta' Brian Vella**. Il-Qorti Kostituzzjonali sabet li s-sistema mħadma taħt l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ma kienx jagħti ħarsien biżżejjed biex persuna li qiegħda sservi sentenza ta' għomor fil-ħabs ma ġġarrabx ksur tal-jeddijiet tagħha kif imħarsin bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Kienet tal-istess fehma fejn jidħol is-sistema tal-'prison leave' imfassal fid-Direzzjoni Ġenerali Ministerjali maħruġa għall-finijiet tar-Regolamenti tal-Ħabs u sabet li bosta miċ-ċirkostanzi li taħthom jingħata l-'prison leave' ma kienux jiddependu mill-imġiba tal-persuna li qiegħda sservi s-sentenza jew minn kemm inbidel, iżda minn ċirkostanzi li huwa ma jkollu l-ebda kontroll fuqhom. … … …

"Din hija l-posizzjoni attwali tal-Qorti Ewropea.

"… … … omissis … … …

"**Rakkommandazzjoni skont l-aritkolu 493 tal-Kap 9**

"Illi fil-kaz odjern, b'differenza mal-kaz ta' **Brian Vella,** r-rikorrent, permezz ta' ittra moghtija lilu, inghata r-rakkommandazzjoni tal-Qorti skont l-artikolu 493 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-perjodu minimu ta' inkarcerazzjoni ghandu jkun ta' 25 sena mis-sentenza. Din l-ittra inzammet mill-awtoritajiet tal-Habs. Dan ifisser li l-Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha sabiex ir-rikorrent ma jiskontax il-piena tieghu sal-mewt u li hu gie mgharraf b'dan mas-sentenza.

"Illi r-rikorrent jilmenta li ma inghatax sentence plan u llum ghadu inkarcerat minnkejja t-trapass ta' 25 sena mill-inkarcerazzjoni tieghu fis-

sena 1992. Mill-provi rrizulta li s'issa ma ressaqx talba skont l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni.

"Illi l-Avukat Generali jargumenta li r-rakkommandazzjoni tal-Qorti Kriminali moghtija lir-rikorrent flimkien mal-prerogattiva Presidenzjali jikkostitwixxu taghrif bizzejjed dwar ir-riducibilita' tas-sentenza tieghu u ghalhekk joffru prospettiva jew ahjar tama ghall-helsien.

"Illi izda, din il-Qorti gja ttrattat il-kwistjoni tal-mahfra Presidenzjali u sabet li ma toffrix mekkanzimu adegwat ghar-revizjoni/rilaxx. Anke bl-applikazzjoni tal-artikolu 493 tal-Kap 9. il-kwistjon dejjem tibqa' dwar liema huma dawk il-kriterji oggettivi, certi u pre-stabbiliti li ser jigu applikati fil-kaz tieghu, permezz ta' sistema ta revizjoni perjodika, sabiex jigi determinat jekk jikkwalifikax ghar-reintegrazzjoni fil-hajja barra mill-habs, flimkien mal-kondizzjonijiet ghar-rilaxx jekk jinstab li huwa rriforma ruhu u ma jikkostitwix periklu ghas-socjeta`. Illi effettivament fil-kaz ta' **Ben Hassine** r-rikorrent wkoll kien inghata ittra ta' rakkommandazzjoni u kien gja qabez il-minimu ta' snin rakkommandati meta pprezenta t-talba kostituzzjonali tieghu. Il-Qorti Kostituzzjonali xorta sabet lezjoni minnkejja li l-Qorti Kriminali kienet ezercitat id-diskrezzjoni taghha u stabbilit perjodu minimu, f'dak il-kaz kien ta' 22 sena, wara liema kellu jigi kkonsidrat ghar-rilaxx.

"Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu premess, din il-Qorti ssib fondati l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent u ser tilqaghhom u ssib li bis-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrenti fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Albert Ellul" tal-21 ta' Ottubru 1997 hekk kif ikkonfermata b'dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Lulju 2005 gie lez fil-kontront tieghu d-dritt fondamentali tieghu kif sancit bl-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre tqies li n-nuqqas ta' possibbilta` fis-sistema legali Maltija ta' mekkanizmu ta' revizjoni tas-sentenza tal-ghomor il-habs b'mod pre-stabbilit, oggettiv u cert, jilledi l-istess dritt.

"**RIMEDJU**

"Illi r-rikorrent qed jitlob li jinghata rimedji xierqa inkluz il-hlas ta' kumpens xieraq.

"Illi dwar ir-rimedju, huwa assodat li r-rimedju f'kaz ta' ksur tad-drittijiet fondamentali ghandu jkun xieraq u effettiv. Fil-kaz odjern din il-Qorti sabet li gie lez id-dritt tieghu skont l-artikolu 36 u 3 rispettivament stante

li s-sentenza tieghu ma tipprovdix ghall-mekkanizmu li permezz tieghu jista' jigi determinat jekk jissoddisfax il-kondizzjonijiet penologici li jiggustifikaw ir-revizjoni jew ir-remissjoni tal-piena. Inoltre fis-sistema legali taghna, l-artikolu 22 tal-Att Dwar il-Gustizzja Riparatrici (Kap 516) jipprovdi ghal tnaqqis minn sentenzi, wara revizjoni da parti tal-**Bord ghat-Tnaqqis mis-Sentenzi** imwaqqaf bis-sahha tal-artikolu 20, izda dan ma japplikax ghal min qed jiskonta piena ta' ghomor prigunerija [ara subinciz 2] .

"Ghaldaqstant ir-rimedju li ser taghti din il-Qorti ser tindirizza dan in-nuqqas fid-dawl tal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Ben Hassine.**

"Illi dwar il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, jigi notat li r-rikorrent ilu inkarcerat mit-18 ta' Mejju 1992 filwaqt li s-sentenza inghatat fil-21 ta' Ottubru 1997. Illi l-Qorti Ewropea stabbiliet bhala perjodu massimu "no later than 25 years from the imposition of a whole life sentence" (Vinter).(sottolinear ta' din il-Qorti).

"Illi din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha titlaq minn dan il-principju fil-kaz in dizamina tenut kont tal-gravita' tad-delitti kommessi."

**L-Appell**

7. Ir-rikorrent appella fit-30 ta' April 2018 u talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata:

"ai termini tal-aggravji mressqa f'dan ir-rikors, in kwantu ordnat li mal-gheluq tal-25 sena mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997 u sakemm ma jkunx hemm dispozizzjonijiet espressi ta' ligi li jghidu mod iehor, ir-rikorrent ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole li ghandu jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu dwar jekk ir-rikorrent jisthoqqlux jibbenefika minn xi wiehed mir-rimedji moghtija mill-Kap. 516 jew xi Att iehor li jiddahhal minfloku, billi tordna li r-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole li jkollu l-istess kompitu kif indikat fis-sentenza appellata u dana mal-gheluq tal-25 sena mid-data tal-inkarcerazzjoni u cioe` mit-18 ta' Mejju 1992, u tikkonfermaha fil-bqija bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat."

8. L-appell principali huwa msejjes unikament fuq l-aggravju li t-terminu ta' 25 sena li mal-gheluq tieghu r-rikorrent ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole, kif stabbilit u ordnat fis-sentenza appellata, ghandu jibda jghaddi mid-data tal-inkarcerazzjoni tieghu fit-18 ta' Mejju 1992 u mhux kif stabbilit mill-ewwel Qorti, cioe` mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997.

9. L-intimat l-Avukat Generali wiegeb ghall-appell tar-rikorrent fis-7 ta' Mejju 2018 u filwaqt li sostna illi l-appell principali mhux tajjeb u ghandu jigi michud, appella incidentalment mis-sentenza appellata b'talba li s-sentenza appellata tigi kkonfermata fl-ewwel zewg kapijiet taghha fejn intlaqghu l-ewwel zewg talbiet ta' Albert Ellul u gie dikjarat li sehhet vjolazzjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, izda tigi mhassra u revokata:

> "f'dik il-parti biss tat-tielet kap taghha dwar it-tielet talba ta' Albert Ellul, fejn inghad li sakemm ma jkunx hemm dispozizzjonijiet ta' ligi li jghidu mod iehor, Albert Ellul ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole mal-gheluq ta' 25 sena mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997, u minflok jigi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti li dejjem sakemm ma jkunx hemm dispozizzjonijiet ta' ligi li jghidu mod iehor, Albert Ellul ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole mal-gheluq ta' 25 sena mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Lulju 2005."

10. Bhall-appell principali, l-aggravju tal-appell incidentali huwa wkoll immirat lejn id-decizjoni tal-ewwel Qorti li t-terminu ta' 25 sena li mal-

gheluq tieghu ir-rikorrent ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole kif ordnat fl-istess sentenza, jibda jghodd mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997. Izda, l-Avukat Generali jikkontendi li l-ewwel Qorti messha ordnat li dan it-terminu ghandu jibda jghodd minn meta nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Lulju 2005, ghaliex huwa minn din id-data li s-sentenza li giet imposta fuq ir-rikorrent il-piena ta' ghomor il-habs b'mod definittiv.

11. Ir-rikorrent wiegeb ghall-appell incidentali tal-Avukat Generali fil-25 ta' Mejju 2018 fejn, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab li l-istess appell incidentali jigi michud bl-ispejjez kontra l-Avukat Generali.

**L-Aggravji tal-Appell Principali u tal-Appell Incidentali**

12. Jigi osservat qabel xejn li din il-Qorti ma gietx mitluba tirrevedi s-sejbien mill-ewwel Qorti ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, u lanqas ir-rimedju *ut sic* moghti mill-ewwel Qorti ghal-lezjoni riskontrata, cioe` li r-rikorrent ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole kostitwit taht il-Kap. 516 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tosserva wkoll li l-perjodu stabbilit mill-ewwel Qorti ta' 25 sena ta' prigunerija, li mal-gheluq tieghu ir-rikorrent ghandu jitressaq quddiem l-imsemmi Bord, m'huwiex kontestat

lanqas.  Minflok, l-appelli jikkontestaw entrambi id-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-istess terminu ta' 25 sena ghandu jibda jghodd mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997.  Konformament, peress li dawn huma intimament konnessi, ikun opportun li z-zewg appelli jigu trattati f'daqqa.

13.  L-ilment tar-rikorrent fl-appell principali huwa li t-terminu ta' hamsa u ghoxrin sena ghandu jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole taht il-kundizzjonijiet imposti fis-sentenza appellata ["it-terminu"], ghandu jibda jiddekorri mit-18 ta' Mejju 1992 meta hu kien gie arrestat u nzamm detenut fil-habs, u mhux minn meta giet imposta fuqu l-piena ta' ghomor il-habs.  Ir-rikorrent isostni li peress li huwa baqa' dejjem detenut sakemm damu ghaddejjin il-proceduri penali kontrih minghajr qatt ma nghata l-helsien mill-arrest, ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kellu jiehu in konsiderazzjoni z-zmien kollu li ghamel taht arrest in konnessjoni mal-istess reati li nstab hati taghhom, b'mod li d-detenzjoni tieghu fil-habs sa mit-18 ta' Mejju 1992 kellu jigi komputat ghall-fini tat-terminu li ghandu jiddekorri qabel issir ir-revizjoni ordnata mill-ewwel Qorti.  Skont ir-rikorrent, huwa ilu effettivament inkarcerat iktar minn 25 sena, u ghalhekk it-terminu stabbilit fis-sentenza appellata diga` ghalaq.

14. Ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ben Hassine Ben Ali Wahid v. Onor. Prim'Ministru et**[1], u jilmenta li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti huwa differenti minn dak li nghata fis-sentenza sucitata li kienet ikkonstatat li, ghall-fini tar-revizjoni tas-sentenza ta' ghomor il-habs mill-Bord tal-Parole kif diga` ordnat fis-sentenza tat-28 ta' April 2017, il-hati kien diga` skonta 25 sena mill-piena imposta fuqu.

15. Filwaqt li fir-risposta tieghu L-Avukat Generali jaqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li t-terminu stabbilit ta' 25 sena ghandu jiddekorri mid-data tal-impozizzjoni tas-sentenza ta' ghomor prigunerija u jsostni li ma ghandu jittiehed ebda qies taz-zmien tad-detenzjoni qabel inghatat il-piena ta' ghomor il-habs bis-sentenza tal-Qorti Kriminali, fl-appell incidentali tieghu jikkontendi li kienet zbaljata l-ewwel Qorti meta stabbiliet illi dan it-terminu ghandu jibda jghaddi mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-21 ta' Ottubru 1997. Jikkontendi li t-terminu ghandu jitlaq minn meta d-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna ta' ghomor il-habs gew stabbiliti b'mod finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 2005.

16. Huwa jsejjes din it-tezi fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet imfissrin hekk fir-rikors tal-appell incidentali:

---

[1] Moghtija fis-7 ta' Novembru 2016.

> "Fl-ewwel lok, is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Ottubru 1997 ma tistax titqies li ghalqet il-kaz ta' Albert Ellul. Dan mhux bhalma gara fil-kaz ta' Ben Hassine ben Ali Wahid, fejn is-sentenza tal-Qorti Kriminali ma kinitx giet appellata u ghalhekk fil-konfront ta' dan il-hati s-sentenza tal-Qorti Kriminali kienet wahda finali.
>
> … … … omissis … … …
>
> Sakemm dam pendenti l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jistax jinghad li s-sentenza ta' ghomor il-habs kienet giet imposta fuq Albert Ellul. Dan ghaliex il-lis kienet ghadha sub judice, sew fejn jolqot is-sejbien tal-htija u sew fejn jolqot il-piena. Kien biss bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li gew determinati b'mod konklussiv ir-responsabbilita` kriminali u l-piena ghall-ghomor."

17. L-Avukat Generali jissokta jsostni li peress li l-principju li r-revizjoni ta' sentenza ta' ghomor il-habs ghandha ssir minn meta tkun inghatat is-sentenza finali fuq appell, huwa ormai assodat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna in materja, huwa mehtieg ghall-fini ta' konsistenza u konformita` bejn kazijiet li jixxiebhu, li l-istess principju ghandu jsib applikazzjoni wkoll fil-kaz odjern.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

18. L-appelli taz-zewg partijiet f'dan il-kaz, huma indirizzati proprju lejn ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ghal-lezjoni riskontrata u konformament, din il-Qorti ghandha tqis dan ir-rimedju mhux biss mil-lat prettament legali kif jippretendu l-partijiet, izda pjuttost billi tistabbilixxi

jekk ir-rimedju moghti huwiex effettiv u idoneu biex twaqqaf il-lezjoni u titwettaq it-tgawdija tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent.

19. Tosserva wkoll illi l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti[2] li r-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole mal-gheluq ta' 25 sena mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997, u mhux qabel, kienet espressament motivata mill-konsiderazzjoni li d-delitti kommessi mir-rikorrent kienu gravi. Kien appuntu ghalhekk li l-ewwel Qorti ddecidiet li timxi fuq l-iskorta tad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea in materja[3] li b'mod preponderanti jistabbilixxu perjodu massimu ta' mhux iktar minn "*25 years from the* *__imposition__* *of a whole life sentence*" biex il-hati jinghata dritt ta' revizjoni tas-sentenza ta' ghomru l-habs.

20. Ir-rikorrent jilmenta li l-ewwel Qorti messha ordnat bhala rimedju ghall-ksur ravvizat, li t-terminu ta' 25 sena li jrid jghaddi biex issir revizjoni tal-piena ta' ghomru l-habs, jitlaq mid-data tal-inkarcerazzjoni tieghu fit-18 ta' Mejju 1995 minflok mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali. Izda, jirrizulta li dan iz-zmien ir-rikorrent ghamlu l-habs mhux bhala piena ghar-reati minnu kommessi, u ghalhekk mil-lat sostantiv, huwa logiku li t-terminu stabbilit ghar-revizjoni tas-sentenza li kkundannatu ghal ghomru l-habs jiskatta mid-data li tkun inghatat dik l-

[2] Fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata.
[3] L-ewwel Qorti citat in propositu d-decizjoni ta' **Vinter and others v. United Kingdom**.

istess sentenza. Wara kollox, huwa proprju n-nuqqas ta' prospett ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti Kriminali li kkundannatu ghal ghomru l-habs li huwa l-qofol tal-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent, u mhux in-nuqqas li jinheles mill-arrest qabel is-sejbien ta' htija tieghu.

21. Konformament mal-premess, ghalkemm l-ewwel Qorti ghandha setghat wiesa' biex taghti kull rimedju li tqis li huwa xieraq biex jitwettqu d-drittijiet fondamentali li gew lezi, jirrizulta li hija ragjonevoli d-decizjoni taghha li ma tordnax li r-revizjoni tas-sentenza ssehh wara 25 sena mid-data tal-inkarcerazzjoni izda mid-data meta r-rikorrent intbaghat il-habs f'ezekuzzjoni tal-piena imposta fuqu ta' ghomor il-habs.

22. Izda, fuq kollox, din il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li hija gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea li l-inkompatibbilita` mal-jedd fondamentali protett mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ta' sentenzi ta' ghomor il-habs li jinghataw minghajr il-prospett ta' revizjoni jew remissjoni tas-sentenza u f'sistemi legali li ma jipprovdux ghal mekkanizmu ta' revizjoni ta' dawn is-sentenzi, issehh hekk kif tigi <u>imposta</u> s-sentenza ta' ghomor il-habs.

23. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis li gialadarba huwa assodat li l-lezjoni tad-dritt invokat tinsorgi fil-mument li tinghata s-sentenza ta' ghomor il-habs, huwa xieraq li t-terminu li jigi ffissat in linea ta' rimedju ghal dan il-ksur u li mal-gheluq tieghu ghandha ssir ir-revizjoni tas-sentenza, ikun parti mill-istess sentenza li kienet imniggsa bl-imsemmija inkompatibbilita` u li llediet id-drittijiet tal-hati, u jitlaq minn meta bdiet tigi skontata l-piena ta' ghomor il-habs, u mhux qabel. Din il-linja hija segwita wkoll mil-Qorti Ewropea fejn, fil-kaz recenti ta' **Bodein v. Franza**[4], citata wkoll fis-sentenza appellata, affermat illi:-

> "… a clear trend was emerging in comparative and international law in favour of a mechanism guaranteeing a review of life sentences at the latest 25 years after their imposition."

24. In propositu, din il-Qorti zzid li dan ghandu jsir sakemm ma jezistux cirkostanzi eccezzjonali li jikkonvincu lill-qorti li huwa misthoqq rimedju li, biex isewwi l-vjolazzjoni naxxenti mis-sentenza impunjata nnifisha, imur lil hinn mill-perjodu attwalment skontat fil-habs b'ezekuzzjoni tal-kundanna. Izda, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li hemm xi cirkostanzi specjali li jimmeritaw li jittiehdu in konsiderazzjoni s-snin ta' prigunerija skontati mir-rikorrent taht arrest preventiv ghaliex, kif tajjeb ikkonstatat l-ewwel Qorti, id-delitti li nstab hati taghhom ir-rikorrent kienu estremament serji u gravi.

[4] Deciz mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Novembru 2014.

25. Ir-rikorrent jilmenta ulterjorment li l-ewwel Qorti tatu rimedju differenti minn dak ordnat fis-sentenza ta' **Ben Hassine Ben Ali Wahid**[5] ghaliex jghid li fil-kaz tal-ahhar, il-Qorti ghamlet referenza ghall-perjodu ta inkarcerazzjoni taht arrest preventiv, u qieset li ghall-finijiet tat-terminu li kellu jghaddi biex issir ir-revizjoni tas-sentenza ta' ghomor il-habs, kienu diga` ghaddew 25 sena.

26. Din il-Qorti ma tarax li dan l-aspett tal-aggravju tar-rikorrent fih xi meritu. Mhux minnu li fl-imsemmija sentenza din il-Qorti f'xi waqt qieset li t-terminu ta' 25 minnha stabbilit ghall-fini tar-revizjoni li ghandha ssir tas-sentenza ta' ghomor il-habs, ghandu jiehu qies ta' perjodu ta' prigunerija skontat qabel il-kundanna bis-sentenza tal-Qorti Kriminali. Dan huwa eskluz anke mill-bran citat mil-appellant in sostenn ta' din il-lanjanza:-

> "Ghaldaqstant, tenut kont li l-attur diga` skonta 25 sena mill-piena imposta fuqu ta' ghomor prigunerija … … …"[6]

27. Barra minn hekk, fil-kaz ta' **Ben Hassine** citat mir-rikorrent, filwaqt li l-hati kien ilu inkarcerat taht arrest preventiv mill-1988, it-terminu ta' 25 sena stabbilit minn din il-Qorti[7] kien diga` lahaq ghadda

---

[5] *Supra.*
[6] Sentenza ulterjuri tat-28 ta' April 2017.
[7] Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Novembru 2016.

mhux biss mill-1988 izda wkoll mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-1992 meta din il-Qorti tat is-sentenza ulterjuri taghha fit-28 ta' April 2017. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak sostnut mir-rikorrent, ma jirrizulta b'ebda mod li fil-kaz ta' **Ben Hassine**, il-perjodu ta' 25 sena li jrid jghaddi qabel issir revizjoni tas-sentenza ta' ghomor il-habs, gie kalkolat minn meta dahal il-habs fl-1988. Ghalhekk, mhux siewja s-sottomissjoni tar-rikorrent li hemm differenza bejn ir-rimedju moghti fil-kaz ta' **Ben Hassine** u r-rimedju moghti lilu fis-sentenza appellata.

28. Din il-Qorti tafferma li d-decizjoni tal-ewwel Qorti li t-terminu minnha stabbilit ta' 25 sena li jrid jghaddi sabiex ir-rikorrent jinghata l-possibbilita` ta' revizjoni tas-sentenza tieghu, ghandu jiskatta mid-data tal-impozizzjoni tas-sentenza ta ghomor il-habs, hija wahda tajba u effettiva biex tindirizza l-lezjoni sofferta mir-rikorrent b'effett tal-istess sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997.

29. Mizmum ferm il-premess, tqis li lanqas ma hu f'loku l-aggravju tal-Avukat Generali li fil-kaz tar-rikorrent, l-imsemmi terminu ta' 25 sena kellu jibda jghodd mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fl-14 ta' Lulju 2005 fuq appell tar-rikorrent mis-sentenza tal-Qorti Kriminali.

30. L-Avukat Generali, ghalkemm jaqbel li fil-principju it-terminu li mal-gheluq tieghu trid issir revizjoni ta' sentenza ta' ghomor il-habs, ghandu jibda jghaddi mill-impozizzjoni tas-sentenza ghall-ghomor, jikkontendi li f'kaz bhal dan odjern, fejn ikun sar appell mis-sentenza tal-Qorti Kriminali, il-piena ta' ghomor il-habs ghandha titqies li giet imposta fuq il-hati biss b'effett mis-sentenza tal-ahhar li tkun ghaddiet in gudikat.

31. Huwa minnu li r-rikorrent appella mis-sentenza tal-Qorti Kriminali kemm mis-sejbien ta' htija kif ukoll mill-piena ta' ghomor il-habs imposta fuqu, u li l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza appellata, izda din il-Qorti ma tistax taqbel li b'daqshekk iz-zmien ta' prigunerija li r-rikorrent ikun skonta qabel is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 1997 ghaddiet in gudikat, ma kellux jitqies ghall-fini tar-rimedju moghti ghall-ksur tal-jeddijiet invokati mir-rikorrent. Jigi osservat illi l-ewwel Qorti ezercitat is-setgha taghha li taghti dak ir-rimedju li hija qieset li hu xieraq ghal-lezjoni sofferta mir-rikorrent.

32. Izda biex tindirizza specifikament l-aggravju tal-Avukat Generali, ghandu jinghad li mhux siewja s-sottomissjoni tieghu li hawnhekk japplika l-principju generali tan-non ezegwibbilita` tas-sentenza pendenti l-ezitu tal-appell interpost, u dan ghaliex l-ezegwibbilita` tas-sentenzi tal-Qorti Kriminali hija regolata minn dispozizzjonijiet *ad hoc* tal-Kodici

Kriminali, senjatament l-Artikolu 499(5) u l-Artikolu 509 tal-Kodici Kriminali. Dawn jaghmluha pjuttost car li appelli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali ma jissospendux l-ezekuzzjoni tas-sentenza hlief meta, f'kaz ta' appell li jsir mill-akkuzat, tintalab is-sospenzjoni u tinghata l-helsien mill-arrest.

33. Konformament, it-tezi tal-Avukat Generali fl-appell incidentali semmai kien ikollu xi mertu - izda mhux mill-ottika tal-ksur ta' jeddijiet fondamentali - kieku l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti Kriminali giet attwalment sospiza u r-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest bil-garanzija pendenti l-appell tieghu, haga li ma sehhitx f'dan il-kaz. Pjuttost, jirrizulta li meta nghatat is-sentenza mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Ottubru 1997 u giet imposta l-piena ta' ghomor il-habs, u sakemm inqatghet l-appell mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Lulju 2005, l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' ghomor il-habs ma gietx sospiza u r-rikorrent baqa' inkarcerat. Ferm il-premess, il-Qorti tqis li hekk kif inghatat is-sentenza tal-Qorti Kriminali u r-rikorrent ma nhelisx mill-arrest, id-detenzjoni tieghu gewwa l-habs ma baqghetx detenzjoni taht arrest preventiv, izda b'effett tal-piena ta' prigunerija ghal ghomru l-habs imposta fis-sentenza tal-Qorti Kriminali.

34. Huwa minnu li s-sentenza tal-Qorti Kriminali m'hijiex definittiva sakemm jigi determinat l-appell, izda ghall-fini tal-impozizzjoni tal-piena, il-Qorti taghraf li din sehhet mal-ghotja tas-sentenza tal-Qorti Kriminali, u kieku kellha ccahhad lir-rikorrent mill-beneficcju taz-zmien li jkun skonta mis-sentenza ta' ghomru l-habs sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, tkun qieghda izzid minflok twaqqaf l-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent. Wiehed ma jridx jinsa li f'dan il-kaz, ghaddew ben tmien snin biex inqata' l-appell tar-rikorrent.

35. Fuq dan l-istess binarju imxiet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Norbert Schembri**[8] meta, waqt li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali li imponiet piena ta' ghomor il-habs fuq l-akkuzat, ordnat:-

> "… li, mal-għeluq tal-perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena minn mindu ngħatat is-sentenza appellata u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tal-appellant jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole".*

36. Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tafferma li l-aggravji sew tal-appell principali kif ukoll tal-appell incidentali mhumiex tajbin, ma tara ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti illi t-terminu minnha stabbilit ta' 25 sena ghandu jibda jghaddi mid-data tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-21 ta' Ottubru 1997, u tqis li fic-

[8] Deciza fit-30 ta' Novembru 2017.

cirkostanzi din id-decizjoni kienet wahda legalment tajba u korretta kif ukoll xierqa biex twaqqaf u tindirizza l-lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din l-Qorti tiddisponi billi tichad l-appell principali tar-rikorrent kif ukoll tichad l-appell incidentali tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df